# Il-Partit Laburista jkompli jigdeb
***Risposta għall-konferenza tal-aħbarijiet tal-Partit Laburista***

Biex jiprova jaħbi s-sensiela ta' gideb u nofs veritajiet li qalu l-Prim Ministru Joseph Muscat, l-id il-leminija tiegħu Keith Schembri u l-id ix-xellugija tiegħu Konrad Mizzi, l-Partit Laburista qiegħed jagħmel attakki ddisprati kollha gideb fuq esponenti tal-Partit Nazzjonalista. L-ewwel beda bil-Kap tal-Partit Nazzjonalista Simon Busuttil, imbagħad il-President tal-Kumitat Eżekuttiv Ann Fenech, imbagħad il-Viċi Kap Beppe Fenech Adami, u bħalissa, fil-mira tal-Partit Laburista hemm il-Viċi Kap l-ieħor Mario de Marco.

Il-Partit Laburista gideb meta qal li Mario de Marco rċieva rigal mingħand Pierre Sladden. Pierre Sladden tħallas għax-xogħol li għamel fil-proprjetà ta' Mario de Marco, kif tħallsu l-kuntratturi kollha li għamlu xi xogħol jew taw xi servizz fl-istess proprjetà. Ta' min josserva li ma hemmx kuntrattur wieħed li qed jgħid li ma tħallasx ta' xogħlu. Dan il-gideb qed jgħidu biss il-Partit Laburista.

Il-Partit Laburista gideb meta qal li Mario de Marco dam ħames snin biex iħallas il-kont. Il-kont tħallas kollu fi żmien xahar minn meta nħareġ. Ta' dan hemm prova ċ-ċekkijiet imsarrfa u rċevuta fiskali maħruġa mill-istess kuntrattur.

Il-Partit Laburista gideb meta qal li l-kont hu għal xogħol li sar fl-2011. Il-kont hu għal xogħol li sar fuq perjodu ta' żmien sal-2015.

Il-Partit Laburista qed jikkontradixxi lilu nnifsu fil-gideb tiegħu għaliex filli jitkellem fuq rigal, imbagħad meta jinqabad jigdeb, jitkellem fuq kont li tħallas.

Mario de Marco, f'intervista ma' *The Malta Independent on Sunday* il-Ħadd li għadda ta' spjegazzjoni dettaljata ta' dan kollu u wera lill-ġurnalist kopja tal-kont in kwistjoni, kif ukoll kopja ta' varji kontijiet oħra maħruġa mill-varji kuntratturi li ħadmu fuq il-proprjetà tiegħu tul dawn is-snin, flimkien ma' rċevuti ta' ħlas.

Minkejja dan kollu, l-Partit Laburista qed jibqa' jinsisti bil-kampanja ta' tfiegħ ta' tajn u gideb. Dawn huma l-istess nies li ħbew il-kumpaniji fil-Panama u tkellmu fuqhom biss wara li nqabdu. Dawn huma l-istess nies li pruvaw jaħbu tentattivi biex jinfetħu kontijiet bankarji sigrieti f'kull rokna tad-dinja. Dawn huma l-istess nies li gidbu lill-banek meta l-ewwel qalu li se jiddepożitaw flus minn kirjiet, imbagħad minn konsulenza u senserija, imbagħad minn riċiklaġġ u logħob tal-azzard. Dawn huma l-istess nies li sa llum ma ppubblikawx il-kuntratti li ġew iffirmati f'isem il-poplu Malti u

Għawdxi dwar il-Power Station il-ġdida, dwar il-bejgħ tal-Enemalta kif ukoll kuntratti oħra importanti għall-pajjiżna. Dan huwa partit li ma jiddejjaq xejn juża l-arma tal-gideb u l-ħabi.

Ladarba l-Partit Laburista huwa daqshekk iffissat fuq l-invoices, il-Mexxej Laburista Joseph Muscat għandu jippubblika l-invoices u l-provi kollha tal-ħlas tal-vaganza li mar f'Dubaj ftit tal-ġimgħat ilu, kif ukoll kopja tal-invoices tax-xogħolijiet li sarulu biex inbniet id-dar tiegħu f'Burmarrad li l-permess għaliha ħareġ fi żmien rekord fi żmien Gvern Laburista u saħansitra qabel għalaq iż-żmien għall-oġġezzjonijiet.

**30.04.16**

communications@pn.org.mt